MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2010

Citazzjoni Numru. 278/2008

**A B**

**-vs-**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' A B fejn dan wara li ppremetta:

Illi l-kontendenti kienu izzewgu [Ara l-Att taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'AP1'];

Illi z-zwieg taghhom jew min minnhom kien ivvizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg kif ukoll il-kunsens inkiseb mill-kontendenti jew min minnhom bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew wiehed mill-

elementi essenzjali taz-zwieg u dana hekk kif se jipprova l-attur waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza;

Illi l-kontendenti illi isseparaw ukoll bonarjament minn xulxin permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali ippubblikat ricentement;

Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti ma kellhomx tfal u dana ghal raguni li se jispjega l-attur b’mod elaborat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza;

Illi l-imsemmi zwieg ghalhekk huwa ivvizzjat ai termini tal-Artikolu 19(1)(d) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk ghandu jigi iddikjarat null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Talab l-attur ighid lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi z-zwieg bejn il-kontendenti;

2. Tordna li din in-nullita’ tigi irregistrata fuq l-att taz-zwieg relattiv.

Rat ir-risposta tal-intimata C D li kkonfermat:

1. Illi l-eccipjenti taqbel illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fid-disgha (9) ta’ Frar 2007 ghandu jigi dikjarat minn din l-Onorabbli Qorti bhala wiehed null u bla effett legali u konsegwentement jigi ordnat illi din in-nullita’ tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv, izda tali nullita’ hija mputabbli mhux biss ghall-htijiet unikament imputabbli lill-konvenuta izda ukoll minhabba ragunijiet imputabbli lir-rikorrent hekk kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi mhux minnu illi l-kunsens tal-eccipjenti biss kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha izda kien il-kunsens taz-zewg kontendenti li kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet essenzjali taghha, jew

minhabba anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghall-kontendenti li jwettqu d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg u dan ai termini tal-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi mhux minnu illi l-kunsens tal-eccipjenti biss kien vizzjat bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, izda kien il-kunsens taz-zewg kontendenti li kien vizzjat bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u dan ai termini tal-artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi minhabba r-ragunijiet premessi u minhabba ragunijiet ohra kontemplati fl-Att XXXVII tal-1975 li jirregola z-Zwigijiet bejn il-kontendenti ghandu jigi dikjarat null u bla effett tal-Ligi.

5. Illi in vista tas-suespost, il-kap tal-ispejez ma ghandux jigi sopportat unikament mill-intimata.

Rat l-affidavit ta' A B.

Rat l-affidavit ta' Maria B.

Rat l-affidavit ta' C D.

Rat l-affidavit ta' Saviour D.

Rat l-affidavit ta' Rose D.

Rat l-affidavit ta' Lindsay Micallef.

Rat l-affidavit ta' Lara Debono.

Rat l-affidavit ta' Mandy Gravino D.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza, il-Qorti qed tintalab tiddikjara n-nullita' ta' zwieg li sar bejn il-partijiet

fid-9 ta' Frar 2007. Ta' min jinnota mal-ewwel li sa anqas minn sittax-il xahar wara d-data taz-zwieg, ga' kienu nbdew il-proceduri biex tigi dikjarata n-nullita' taz-zwieg.

Ir-rikorrent jikkontendi li l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ukoll li l-kunsens inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg.

Ghalkemm mhux imsemmija dettaljatament fir-rikors promotur, jidher li din it-talba qed issir a bazi tal-Art 19 (1) (d) u (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tibda biex tinnota dak li affermaw hafna drabi dawn il-Qrati f'dan il-kuntest u cioe' li "z-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-akbar rispett ukoll jekk hija sejra thares biss mill-punto di vista civili biss (Farrugia vs Farrugia. Appell Civili 28 ta' Lulju 1987).

Fil-kaz in ezami jirrizulta li l-partijiet izzewgu wara gherusija normali. Wara z-zwieg, jidher li kienet il-mara li kienet tregi l-affarijiet tal-familja u mix-xhieda prodotti ma jidhirx li kien imsejjes fuq ugwaljanza bejn il-partijiet. Dan seta kien ukoll minhabba l-fatt li l-mara f'dan iz-zwieg kellha impjieg ta' certa importanza meta mqabbel ma' dak ta' zewgha u ukoll ghall-fatt li peress illi kienet hi li tahdem il-Bank allura deher li kien haga naturali ghalihom li tiehu hsieb il-finanzi hi. Wiehed jinnota ukoll li kien hemm zbilanc ta' maturita' bejn il-partijiet u mhux biss ta' statura socjali f'dak li hu mpjieg. F'dan l-isfond iz-zwieg tfarrak.

Ma jirrizulta xejn lil din il-Qorti li jista' b'xi mod jinkwadra ruhu f'dak li jipprovdi l-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255. Xejn ma jindika li seta kien hemm xi hjiel ta' dik l-anomalija serja li tirrikjedi l-Ligi f'kaz ta' kunsens vizzjat.

"Ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu (d) imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, fil-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti

jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta' kritika – estimativa jew kritika – valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' effettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ghalhekk ma hux sempliciment nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni, lanqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew decizjonijiet zbaljati – infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi prettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju (ara **Emanuel Camilleri –vs- Carmen Camilleri**, Prim'Awla, 10 ta' Novembru 1995)."

L-attur pero', jsejjes il-kawza tieghu ukoll fuq l-Art. 19 (1) (f) tal-Kap. 255 li testwalment jaqra hekk:

"19. (1) B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:

(f) Jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."

Ghalkemm l-istess Kap. 255 ma jaghtix definizzjoni ta' x'inhuma essenzjalment l-obbligazzjonijiet, dejjem gie ritenut illi z-zwieg jimplika dik l-unjoni permanenti, esklussiva diretta ghall-komunjoni ta' hajja u prokreazzjoni tal-ulied.

F'dan is-sens il-Qorti tirreferi ukoll ghad-decizjoni tal-Prim'Awla fil-kaz Muscat vs Borg Grech (14 ta' Awissu 1995), kif ukoll Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace noe (14 ta' Lulju 1994).

Dawn il-Qrati kellhom hafna okkazzjonijiet biex jinterpretaw dan is-subinciz (Ara f'dan il-kuntest Balzan vs Cremona RCP 9 ta' Marzu 2000, Taguri nee' Spiteri vs Dr. Chris Cilia noe 10 ta' Novembru 1999).

F'din ta' l-ahhar in partikolari gie ritenut illi :

“Fl-interpretazzjoni ta’ dan is-subinciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta’ xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens.”

Fil-kaz in ezami, l-attur jikkontendi li l-konvenuta eskludiet il-possibilita’ li jkollha t-tfal. Jirrizulta li dan kienet esprimietu kemm qabel iz-zwieg kif ukoll wara. F’dan il-kuntest, l-istess attur fl-affidavit tieghu jghid:

“Nghid illi darba minnhom ahna bhala gharajjes konna qeghdin nitkellmu fuq iz-zwieg taghna u gie d-diskors fuq it-tfal. Dan kien relattivament fil-bidu ta’ l-gherusija taghna. C kienet qaltli bl-aktar mod car li hi ghalkemm riedet tizzewweg ma riditx tfal ghaliex hija t-tfal ma thobbhomx. Hemmhekk inqala’ disgwid bejnietna ghaliex jiena ghidtilha li ma jistax ikollna zwieg minghajr tfal u li jiena ridt it-tfal. Dakinhar dik id-diskursata waqfet hawnhekk.”

Jaqblu f’dan ukoll diversi xhieda ohra, ukoll hbieb tal-istess konvenuta;

Il-konvenuta stess tikkonferma illi:

“Ghalkemm lil A jien ghidtlu li ma ghandi l-ebda xewqa li jkolli tfal qatt f’hajti sa mill-ewwel xahar li sirna nafu lil xulxin, A sabha bi tqila jaccetta dan il-fatt wara z-zwieg taghna. L-aktar li sabha tqila li jifhimha kien wara li huh Mark u l-mara tieghu Laura habbru li ha jkollhom tarbija. Wara l-istess l-ewwel xahar li jien kont naf lil A, jien ghidtlu biex intemmu r-relazzjoni taghna ghaliex la darba jien ma kellix rieda li jkolli tfal u hu kellu, ahna ma konniex tajbin ghal xulxin.”

Fic-cirkostanzi, il-Qorti tqis li jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi biex din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-kunsens ghaz-zwieg inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva ta’ element essenzjali tal-hajja mizzewga.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tiddikjara illi z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fid-9 ta' Frar 2007 huwa null u bla effett a tenur tal-Art. 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tilqa' ukoll it-tieni talba.

L-ispejjez jithallsu mill-partijiet fi kwoti ugwali bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------